**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. R13/11

**Minuti tat-tlettax il-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 09 ta' Novembru 2011.**

Il-Kumitat Reġjonali Itaqa' fit-3.00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Paul Buttigieg (Viċi President) membri David Apap, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Carmelo Saliba, Joe Grima, Joe Cordina, u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv). Bil-permess tal-membri kien hemm preżenti wkoll is-Sur David Soler (Uffiċċjal Awtorizzat).

Peress illi l-minuti inqraw. Ma kienx hemm punti mill-minuti.

1. **Korrispondenza**

1.1 Memo 95/2011 Mistoqsija Parlamentari numru 28771 dwar applikazzjonijiet ta-proġetti għall-Unjoni Ewropeja. Is-segretarju nforma illi hu rrisponda din il-PQ peress illi hemm applikazzjoni tar-Reġjun tal-Life+.

1.2 Memo 106/2011 Kuntratti fuq il-Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq. Is-segretarju nforma illi għall-kjarifika din id-delega għada ma saritx lir-Reġjuni.

1.3 Mingħand Marurice Caruana (Chairman LES Committee) dwar l-'Environmental Statutory Enforcement Policy'.

1.4 Memo 93/2011 *Administration Fee* għall-Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali.

1.5 Mid-Dipartiment Gvern Lokali – korrezzjoni ta' Memo 93/2011

1.6 Sommarju tal-Annual General Meeting tal-Eropean Region for Youth illi sar f'Poznan bejn 19 u 24 ta' Settembru 2011.

1.7 Mingħand Marurice Caruana (Chairman LES Committee) fejn ġie iċċarat ir-rwol tal-Uffiċjalu Awtorizzat fid-dawl tar-Riforma tal-Infurzar Lokali.

1.8 Mingħand Maurice Caruana (Chairman LES Committee) isaqsi dwar l-andament tal-proċess kuntrattwali tal-Infurzar Lokali.

1.9 Mingħand il-Parlament Ewropew fejn ġiet aċċettata l-applikazzjoni tar-Reġjun ta' Għawdex għall-viżta fl-istituzzjoni Ewropeja. Is-segretarju nforma illi peress l-ispejjeż ta' din il-viżta tħallsu mill-Kunsilli ndividwali l-kunsilli ser jieħdu lura parti minn dawn l-ispejjeż bħala sussidju mogħti mill-Parlament Ewropew kif miktuba fl-ittra.

2. **Rapport Jum Għawdex**

2.1 Il-President semma xi kummenti li tressqu mill-Assoċjazzjoni tal-Baned fejn talbu illi meta jkun hemm polza tal-Baned Għawdxin għandu jkun hemm preżenza tal-assoċjazzjoni. Il-membri Joe Grima, David Apap u Carmel Saliba stqarru illi r-reġjun mexa b'mod tajjeb u jekk l-Assoċjazzjoni għandha xi ftehim dwar din il-prassi ma xi entità dan il-ftehim ma sarx mar-Reġjun. Barra minnhekk diġa' ġie diskuss il-metodu

tal-polza kif ser isir fis-snin li ġejjin jiġifieri l-banda illi ħadet sehem din is-sena mhux ser terġa' tkun fil-polza s-sena d-dieħla.

2.2 Is-Segretarju stqarr illi sar sforz qawwi sabiex l-ispejjeż jinżammu kemm jista' jkun baxxi. Hu ta rapport tal-ispejjeż ta din l-attività u semma illi l-ispiża totali għandha tkun bejn €1,500 u € 2,000.

2.3 Il-President ikkummenta dwar l-attendenza taċ-ċelebrazzjoni u qal illi waqt li jinsab sodisfatt illi r-reġjun irnexxielu jorganizza din l-attivita' r-reġjun għandu jibni fuq l-attivita' ta' din is-sena sabiex dan il-jum jingħata l-importanza li tixraqlu. Huwa kkumenta wkoll fuq in-nuqqas tal-preżenza tal-Kunsilliera Għawdxin kif ukoll tal-Kapillani illi kienu mistiedna jattendu.

2.4 Saru xi kummenti dwar l-istandardi tal-lokalitajiet u saret proposta illi ssir ordni waħda sabiex l-istandardi ikunu kollha uniformi. Kull kunsill għandu jħallas tal-istandard tiegħu.

2.5 Paul Buttiġieġ (Viċi President) irrimarka illi għalkemm saret kemm il-attivita' f'Jum Għawdex, huwa ssuġerixxa li għandu jkun hemm aktar ftehim bejn l-organizzaturi sabiex iċ-ċelebrazzjonijiet ma jidhrux fragmentati.

3. **Website tar-Reġjun**

3.1 Is-segretarju semma illi Joe Cordina (membru) ssuġerixxa illi r-reġjun għandu jkollu il-website tiegħu. Il-President jaqbel ma din il-proposta però il-fatt illi l-emblema tar-reġjun għada ma ġietx approvota qed iżomm lil dan ir-Reġjun milli jkun jista' jagħmel dawn it-tip ta' proġetti bażiċi. Huwa stqarr illi t-talba tar-reġjun lid-Dipartiment ilha li saret fuq sena u għalhekk is-segretarju intalab sabiex jikteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali illi r-Reġjun t'Għawdex ser jibda juża l-arma proposta bħala l-emblema tar-Reġjun Għawdex.

4. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

4.1 Il-pagamenti ġew approvati skont l-iskeda kif annessa ma' dawn il-minuti.

5. **Materji Oħra**

5.1 Peress illi ma kienx hemm aktar materji x'jiġi diskussi l-laqgħa spiċċat fil-4.00 pm.

.

Samuel Azzopardi
President
Reġjun Għawdex

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv